IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 12.10.2015
C(2015) 7046 final

# DEĊIŻJONI TA’ IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

**ta’ 12.10.2015**

**li tapprovva ċertu elementi tal-programm ta' koperazzjoni "Interreg V-A Italja-Malta"għall-appoġġ mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali skont l-għan tal-koperazzjoni territorjali Ewropea fl-Italja u f'Malta**

**CCI 2014TC16RFCB037**

(IT-TESTI BIT-TALJAN U BIL-MALTI BISS HUMA AWTENTIĊI)]

MT MT

**DEĊIŻJONI TA’ IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI**

**ta’ 12.10.2015**

**li tapprovva ċertu elementi tal-programm ta' koperazzjoni "Interreg V-A Italja-Malta"għall-appoġġ mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali skont l-għan tal-koperazzjoni territorjali Ewropea fl-Italja u f'Malta**

**CCI 2014TC16RFCB037**

(IT-TESTI BIT-TALJAN U BIL-MALTI BISS HUMA AWTENTIĊI)]

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006[1], u b'mod partikolari l-Artikolu 29(4) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1299/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar id-dispożizzjonijiet speċifiċi għall-appoġġ mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali għall-għan ta’ kooperazzjoni territorjali Ewropea[2], u b’mod partikolari l-Artikolu 8(12) tiegħu,

Billi:

(1) Fi 22 ta' Ottubru 2014, l-Italja f'isem l-Italja u Malta("l-Istati Membri parteċipanti") permezz tas-sistema elettronika tal-iskambju tad-dejta tal-Kummissjoni ("SFC2014"), ippreżentaw il-programm ta' koperazzjoni "Interreg V-A Italja-Malta" għall-appoġġ mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) fl-għan tal-koperazzjoni territorjali Ewropea (KTE) fl-Istati Membri parteċipanti.

(2) Il-programm ta' koperazzjoni tfassal mill-Istat Membri parteċipanti b'koperazzjoni mas-sħab imsemmija fl-Artikolu 5(1) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 u l-Kummissjoni.

(3) Skont l-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) Nru 1299/2013, il-programm ta' koperazzjoni għandu jappoġġa qasam tal-programm mill-elenku stipulat fl-Anness I tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/388/UE[3].

---

1 ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320.

2 ĠU L 347, 20.12.2013, p. 259.

3 Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/388/UE tas-16 ta' Ġunju 2014 li tfassal il-lista ta' reġjuni u żoni eliġibbli għal finanzjament mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali taħt il-fergħat transkonfinali u transnazzjonali tal-għan ta' kooperazzjoni territorjali Ewropea għall-perjodu 2014-2020 (ĠU L 183, 24.6.2014, p. 75).

(4) Skont l-Artikolu 29 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 il-Kummissjoni vvalutat il-programm ta' koperazzjoni u għamlet kummenti skont il-paragrafu 3 ta’ dak l-Artikolu, fid-19 ta' Frar 2015. L-Italja pprovdiet informazzjoni supplimentari u ressqet verżjoni rieżaminata tal-programm ta' koperazzjoni fid-9 ta' Settembru 2015.

(5) Il-Kummissjoni kkonkludiet li l-programm ta' koperazzjoni jikkontribwixxi għall-istrateġija tal-Unjoni għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv u għall-kisba ta' koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali u huwa konsistenti mar-Regolament (UE) Nru 1299/2013 u (UE) Nru 1303/2013.

(6) Il-programm ta' koperazzjoni fih l-elementi kollha msemmija fl-Artikolu 8(1) sa (9) u tar-Regolament (UE) Nru 1299/2013 u ġie imħejji skont il-mudell stabbilit fl-Anness II tar-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 288/2014[4].

(7) Skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 76 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi deċiżjoni ta’ finanzjament skont it-tifsira tal-Artikolu 84 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[5]. Madankollu huwa neċessarju li jiġu speċifikati l-elementi meħtieġa biex jippermettu l-impenji baġitarji fir-rigward tal-programm ta' koperazzjoni.

(8) Skont il-punt (d) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 8(2) tar-Regolament (UE) Nru 1299/2013, huwa neċessarju li għal kull sena jiġi speċifikat l-ammont tal-approprjazzjoni finanzjarja totali previst għall-appoġġ mill-FEŻR. Huwa wkoll neċessarju li jkun speċifikat l-ammont tal-pakkett finanzjarju u tal-appoġġ mill-FEŻR u l-kofinanzjament nazzjonali għall-perjodu ta' programmazzjoni kollu, għall-programm ta' koperazzjoni u għal kull assi prijoritarju. Għall-assi prijoritarji li jgħaqqdu prijorità ta' investiment waħda jew iżjed minn objettivi tematiċi differenti, huwa wkoll neċesasrju li jiġi speċifikat l-ammont tal-approprjazzjoni finanzjarja totali mill-FEŻR u l-kofinanzjament nazzjonali għal kull wieħed mill-objettivi tematiċi korrispondenti.

(9) Skont l-Artikolu 120(1) u (2) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013, huwa meħtieġ li jiġu ffissati għal kull assi prijoritarju r-rata ta’ kofinanzjament u li tiġi speċifikata r-rata ta’ kofinanzjament għall-assi prijoritarju man-nefqa totali eliġibbli inkluża nefqa pubblika u privata jew għal nefqa pubblika eliġibbli.

(10) Din id-Deċiżjoni hija mingħajr preġudizzju għall-pożizzjoni tal-Kummissjoni rigward il-konformità ta’ kwalunkwe operazzjoni appoġġata skont il-programm ta' koperazzjoni mar-regoli tal-għajnuna mill-Istat applikabbli fiż-żmien meta jingħata l-appoġġ.

---

[4] Ir-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 288/2014 tal-25 ta’ Frar 2014 li jistabbilixxi regoli skont ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta’ Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Ewropew Marittimu u tas-Sajd u li jistabbilixxi dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta’ Koeżjoni u l-Fond Ewropew Marittimu u tas-Sajd fir-rigward ta’ mudell għal programmi operazzjonali skont l-għan ta’ Investiment għat-tkabbir u l-impjiegi u skont ir-Regolament (UE) Nru 1299/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għall-appoġġ mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali għall-għan ta’ kooperazzjoni territorjali Ewropea fir-rigward ta' mudell għall-programmi ta’ kooperazzjoni skont il-mira ta’ kooperazzjoni territorjali Ewropea (ĠU L 87, 22.3.2014, p. 1).

[5] Ir-Regolament (UE, EURATOM) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta’ Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

(11) Skont l-Artikolu 8(12) tar-Regolament (UE) Nru 1299/2013, l-elementi tal-programm ta' koperazzjoni msemmi fil-punti (a), (b)(i) sa (vi), (c)(i) sa (iv), u (d) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 2, il-paragrafu 3 u l-punti (a)(ii) sa (vi) u (b) tal-paragrafu 4 u tal-paragrafu 9 ta' dak l-Artikolu għandhom għalhekk ikunu approvati,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-elementi segwenti tal-programm ta' koperazzjoni "Interreg V-A Italja-Malta" għall-appoġġ mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) fl-għan tal-koperazzjoni territorjali Ewropea (KTE) fl-Italja u f'Malta Italy and Malta ("l-Istati Membri parteċipanti") għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2020, ippreżentat fil-verżjoni finali tagħha fid-9 ta' Settembru 2015, huma b'dan approvati.

(a) il-ġustifikazzjoni għall-għażla ta' objettivi tematiċi u l-prijoritajiet korrispondenti ta' investiment u l-allokazzjonijiet finanzjarji, kif stabbilit fit-Taqsimiet 1.1.2 u 1.2 tal-programm ta' koperazzjoni;

(b) l-elementi meħtieġa għal kull assi prijoritarju skont il-punti (b) u (c) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 8(2) tar-Regolament (UE) Nru 1299/2013, kif stabbilit fit-Taqsima 2 tal-programm ta' koperazzjoni, bl-eċċezzjoni tal-Taqsimiet 2.A.8 u 2.B.6;

(c) l-elementi tal-pjan ta' finanzjament meħtieġa skont l-Artikolu 8(2)(d) tar-Regolament (UE) Nru 1299/2013, kif stipulat fit-Tabelli 15, 16 u 17 tat-Taqsima 3 tal-programm ta' koperazzjoni;

(d) l-approċċ integrat għal żvilupp territorjali li juri kif il-programm ta' koperazzjoni jikkontribwixxi għall-kisba tal-objettivi tiegħu u r-riżultati mistennija, kif stabbilit fit-Taqsima 4 tal-programm ta' koperazzjoni;

(e) id-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni li jidentifikaw il-korp jew korpi maħtura biex iwettqu l-kompiti ta' kontroll u l-korp jew korpi maħtura biex ikunu responsabbli għat-twettiq tal-kompiti ta' awditu, id-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni li jistipulaw il-proċedura għat-twaqqif ta' segretarjat konġunt u li jistipulaw deskrizzjoni sommarja tal-arranġamenti maniġerjali u ta' kontroll kif ukoll dawk li jistipulaw it-tqassim tad-dovuti fost l-Istati Membri parteċipanti fil-każ ta' korrezzjonijiet finanzjarji imposti mill-awtorità maniġerjali jew mill-Kummissjoni, kif stipulat fit-Tabella 22 u t-taqsimiet 5.2, 5.3 u 5.4 tal-programm ta' koperazzjoni;

(f) il-korp li lilu għandhom isiru l-pagamenti mill-Kummissjoni kif stipulat fit-Tabella 21(dik il-parti biss li tirreferi għall-korp li lilu se jsiru l-pagamenti mill-Kummissjoni).

*Artikolu 2*

L-assijiet prijoritarji li ġejjin se jiġu appoġġati mill-programm ta' koperazzjoni:

(a) Assi prijoritarju 1 "Il-promozzjoni ta' tkabbir intelliġenti u sostenibbli permezz ta' riċerka u innovazzjoni";

(b) Assi prijoritarju 2 "Il-promozzjoni ta' kompetittivita' fiż-żona transkonfinali";

(c) Assi prijoritarju 3 "Il-protezzjoni tal-ambjent u l-promozzjoni ta' użu effiċjenti tar-riżorsi";

(d) Assi prijoritarju 4 " Assistenza Teknika".

*Artikolu 3*

Iż-żona tal-programm tkopri r-reġjuni tal-Unjoni kif stipulati fid-Deċiżjoni ta' Implimenatzzjoni 2014/388/UE fir-rigward tal-programm ta' koperazzjoni .

*Artikolu 4*

In-nefqa tkun eliġibbli mill-1 ta' Jannar 2014.

*Artikolu 5*

1. L-ammont massimu tal-approprjazzjonijiet finanzjarji totali maħsuba għall-appoġġ mill-FEŻR huwa stipulat fl-Anness I.
2. L-approprjazzjoni finanzjarja totali għall-programm ta' koperazzjoni hija stabbilita għal EUR 43 952 171, li għandha tkun iffinanzjata mil-linja baġitarja 13 03 64 01 (FEŻR - Koperazzjoni Territorjali Ewropea) skont in-nomenklatura tal-Baġit Ġenerali tal-Unjoni Ewropea għall-2015.
3. Ir-rata ta' kofinanzjament għal kull assi prijoritarju huwa stipulat fl-Anness II. Ir-rata ta' kofinanzjament għal kull assi prijoritarju tapplika għan-nefqa totali eliġibbli inkluża nefqa pubblika u privata.

*Artikolu 6*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Taljana u lir-Repubblika ta' Malta.

Magħmula fi Brussell, 12.10.2015

*Għall-Kummissjoni*
*Corina CREŢU*
*Membru tal-Kummissjoni*

VERA KOPJA TAL-ORIĠINAL
Għas-Segretarju Ġenerali

Jordi AYET PUIGARNAU
Direttur tar-Reġistru
KUMMISSJONI EWROPEA